MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 5/2010

**Joseph Paris**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited, u b'digriet tas-16 ta' Dicembru 2008 l-atti gew trasfuzi f'isem Dottor Abigail Galea bhala stralcjarju ta' l-istess The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Jannar, 2010, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors tar-rikorrenti Joseph Paris pprezentata fir-Registru tal-Qorti fl-20 t'April 2006, u ffirmat mill-avukat Dr Anthony Ellul.
>
> <u>DIKJARAZZJONIJIET</u>

Fir-Rikors promotur ir-rikorrenti jikkontendi li huwa kien impjegat mas-socjeta` intimata bhala Operations Superintendent; fit-22 ta' Marzu 2006 huwa tkecca mix-xoghol billi nghata avviz bil-miktub; jghid izda li mhemm ebda raguni valida li tiggusitifika t-tkeccija tieghu mill-impieg - ir-rikorrent iqis din id-decizjoni bhala wahda vendikattiva meta wiehed iqis li s-socjeta` intimata kienet ser twaqqaf in-negozju taghha fix-xhur sussegwenti. Ir-rikorrent jghid li matul is-snin twal fl-impieg huwa dejjem wettaq dmirijietu bl-iktar hila; u li kif ser jirrizulta mill-provi, s-socjeta` intimata ma ppartecipatx fil-process ta' l-ghazla ta' operatur ghall-immanigjar tal-merkanzija fil-port tal-Belt Valletta u ma kien jezisti ebda kunflitt ta' interess. Jghid li minhabba l-agir tas-socjeta` intimata huwa sofra telf ta' paga, leave u terminal benefits. Talab li jigi dikjarat li huwa tkecca bla kawza gusta u li s-socjeta` intimata tigi ordnata thallas kumpens li jigi ffissat mit-Tribunal. Giet ipprezentata l-ittra tat-tkeccija li tghid li r-rikorrent ma jistax jibqa' jahdem mal-kumpanija intimata minhabba li huwa qed jifforma parti minn *consortium* li qieghed jippartecipa fil-process ta' l-ghazla ta' l-operatur ghall-immaniggjar tal-merkanzija fil-port tal-Belt Valletta, u li bil-kariga ta' *Operations Superintendent* mal-kumpanija intimata huwa ghandu kunflitt ta' interess.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz, ir-Rikorrent imbaghad jghid li huwa kien dahal jahdem mal-kumpanija intimata fl-1971 bhala *assistant key-superintendent.* Fl-2005 il-Gvern hareg sejha ghal *expression of interest* pubblika sabiex jigi evalwat min hu interessat jippartecipa fit-tenders li l-Gvern kien bi hsiebu johrog rigward immanigjar tal-merkanzija fil-portijiet. Imbaghad fis-16 ta' Settembru 2005 il-Gvern hareg stqarrijiet 1327 u 1328 rigward dawk li wrew interess, u jirrizulta li l-kumpanija The Cargo Handling Co Ltd ma wrietx interess li tippartecipa fit-tenders li kienu ser

johorgu; dan gie anke kkonfermat mis-segretarju tat-Taqsima Marittima u Avjazzjoni tal-General Workers Union tat-3 t'April 2006. Ir-rikorrent ippartecipa ma' terzi ghaliex kien ilu jigri l-ghidut li The Cargo Handling ma kinitx ser tippartecipa. Huwa nghaqad ma' terzi biex jippartecipa fl-*expression of interest,* bil-kundizzjoni li jekk tkun se tippartecipa l-kumpanija The Cargo Handling Ltd huwa johrog mill-*consortium* li dahal fih. Jghid li huwa m'uzax il-pozizzjoni tieghu ma' l-intimata biex jaccedi ghal xi vantagg jew dokumenti sensittivi tal-kumpanija initmata ghal biex issir l-expression of interest. Jghid li qabel it-22 ta' Marzu 2006 meta nhargitlu l-ittra li biha huwa gie infurmat li l-impieg tieghu gie terminal, hadd ma avvicinah jew ilmenta mieghu dwar il-partecipazzjoni tieghu fl-imsemmi *consortium,* u jghid li huwa kien tkellem dwaru kemm ma' shabu kif ukoll mal-management dwaru. Jghid ukoll li ma gietx applikata l-procedura applikabbli li biha huwa l-ewwel kellu jigi pprezentat b'*charge* u mtella' quddiem Bord. Huwa l-anqas biss inghata l-opportunita` jispjega l-pozizzjoni tieghu jew jiddefendi ruhu. Jghid li l-impieg tieghu mal-kumpanija intimata kien ta' impjegat u mhux f'management level. Minhabba din it-tkeccija huwa mhux biss tilef il-pagi, leave u terminal benefits izda wkoll l-opportunita` ta' impieg mal-kumpanija li hadet l-amministrazzjoni minflok il-Cargo Handling Limited.

Is-socjeta' intimata pprezentat Dikjarazzjoni tal-kaz fejn hija qalet li llum il-gurnata ma thaddimx impjegati u qeghda fil-process ta' likwidazzjoni; li l-azzjonisti tas-socjeta` esponenti ppartecipaw f'konsorzju ma' terzi ghall-ghoti tal-kuntratt il-gdid ghall-immanigjar tal-merkanzija, bl-intiza li l-operat tas-socjeta` intimata ikun trasferit lil dan il-konsorzju kemm il-darba l-konsorzju jerbah it-tender kompetittiv; fil-frattemp Joseph Paris ghazel li jitfa' l-offerta tieghu ghat-tender in kwistjoni, f'kompetizzjoni ma' l-azzjonisti tas-

socjeta` intimata. Tghid li Joseph Paris kien wiehed mill-ghola ufficjali tas-socjeta` esponenti, kien jokkupa kariga manigerjali u ezekuttiva u kellu kontroll kwazi assolut fuq l-operat tal-kumpanija; li fil-qadi ta' dmirijietu huwa kellu access ghall-informazzjoni kritika tan-negozju u data kunfidenzjali li kienet mehtiega ghas-success tal-bid ghat-tender da parti ta' l-azzjonijisti tas-socjeta` intimata, liema informazzjoni setghet giet uzata mir-rikorrent fir-rwol tieghu bhala kompetitur. Ghalhekk is-socjeta` intimata tilfet il-fiducja assoluta li kien jehtiegilha li jkollha f'Joseph Paris, u ma kenitx aktar f'pozizzjoni li tkompli timpjegah biex ikompli jimmanigja l-operat tal-kumpanija meta kellu kunflitt ta' interess lampanti; ghalhekk kellha titterminalu l-impieg. Joseph Paris kompla xogholu mal-konsorzju f'kompetizzjoni ma' l-azzjonisti ta' l-intimata u kien *shortlisted* sabiex jiehu t-tender, sakemm finalment it-tender intrebah mill-Valletta Gateway Terminals Limited.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta, dan it-Tribunal appella liz-zewg partijiet sabiex jesploraw il-possibilita` ta' ftehim bonarju.

In oltre fil-pendenza ta' dan il-kaz il-kumpanija intimata bdiet process volontarju ta' stralc, u wara li sar ir-rikors opportun l-atti ta' dan il-kaz gew trasfuzi fuq Dottor Abigail Galea bhala stralcjarju ta' The Cargo Handling Company Limited. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinghad li dan il-kaz ma setax jigi konkjuz fi zmien xahar peress li z-zewg partijiet firxu x-xhieda taghhom fuq numru ta' seduti.

IL-PROVI

Is-Socjeta` intimata bdiet billi pproduciet lic-Chairman tal-Malta Maritime Authority Dr Mark Bonello li spjega kif tul iz-zmien l-Awtorita` kienet

taghmel kuntratti perjodici ma' The Cargo Handling Company Limited, sa ma l-Gvern iddecieda li johrog tender ghal offerti kompetittivi. L-ahhar kuntratt ta' The Cargo Handling kellu jiskadi fit-30 ta' Gunju 2006, u ghalhekk fl-2005 l-Awtorita` harget sejha ghal expression of interest. Meta ghalaq iz-zmien f'Settembru 2005 kien hemm sitt *consortia* li wrew interess. Imbaghad hareg it-tender propju fi Frar 2006, u minn dawk is-sitta tefghu tender hamsa minnhom. Fl-ebda stadju ma kienet involuta The Cargo Handling Company Limited, imma l-azzjonista principali, il-General Workers Union, tefghet tender flimkien ma' terzi. Dan ix-xhud jghid li malli nghalqet is-sejha ghall-expression of interest gew ippubblikati l-ismijiet tal-*consortia* li wrew interess. Bazikament min applika kellu juri x'rizorsi u kapacitajiet ghandu, u jekk kellux esperjenza f'Malta jew barra - kellu jaghti company profile, inkluz it-turnover tal-kumpanija biex jindika l-kobor tal-kumpanija. Ir-rikorrent kien indikat li jifforma parti mill-*consortium* bl-isem La Valletta Terminal Co. Malta Limited, u dan kien jirrizulta mill-expression of interest ta' l-istess consortium. Fl-istess konsorzju kien hemm ukoll Salv Bezzina & Sons u Salvu Meli & Sons li diga' kellhom xoghol fil-port.

Il-process tat-tendering beda fi Frar 2006 u ghalaq f'April 2006: intalbet hafna informazzjoni li tinkludi financial projections, indikazzjoni tal-business ta' min ikun parti mill-konsorzju, kellu jigi indikat xi zvilupp infrastrutturali u portwarju kien qed jipproponi, jindika x'tariffi kienu ser jigu elevati, jigu dikjarati l-assi li kellu, l-audited accounts; allura l-informazzjoni kienet sensittiva. L-Awtorita` u dawk li tefghu tender intrabtu reciprokament li jzommu kull informazzjoni skambjata kunfidenzjali.

Il-General Workers Union kienet 100% shareholder tal-Cargo Handling, imma ma tefghetx tender bhala The Cargo Handling Company Limited: inghaqdet ma' terzi biex tefghet

tender. Permezz ta' klawsola 5.1 tat-tender l-applikanti kellhom jintrabtu li jekk jintghazlu huma kellhom jaghtu preferenza lill-haddiema tal-Cargo Handling meta jigu biex jimpjegaw haddiema fil-port. Gew short-listed zewg applikanti u dawn it-tnejn iggarantew li jaghtu preferenza lil dawk il-haddiema. L-applikanti short-listed kienu proprju l-La Valletta Terminal Co. Malta Ltd u l-konsorzju Valletta Gateways Terminals Ltd li finalment intghazlet. Il-konsorzju li kien jinkludi lill-General Workers Union ma giex short-listed, u wahda mir-ragunijiet ghal dan kienet li fil-waqt li dan iggarantixxa li jzomm l-impjegati tal-Cargo Handling u d-delivery Clerks, ma ggarantiex li jzomm lit-teleclerks ukoll.

Gie esebit *non-disclosure agreement* bejn l-Awtorita` Marittima ta' Malta u l-konsorzju li fih kien involut ir-rikorrent, li juri li fl-imsemmi konsorzju kien hemm involuta wkoll entita` Germaniza bl-isem BLG Logistics Group AG & Co. Fuq talba ta' l-intimata, gie esebit ukoll *animo ritirandi* d-dokument prezentat mill-konsorzju li fih kien involut ir-rikorrent, u dan sabiex jigi verifikat x'vantagg seta' ha r-rikorrent mill-pozizzjoni tieghu mal-Cargo Handling. Dan id-dokument u compact disc esebiti fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2008 ghandhom jigu ritornati lill-Awtorita` Marittima gialadarba dan il-kaz jigi deciz definittivament.

Xehed Robert Borg fll-vesti tieghu ta' konsulent finanzjarju tal-General Workers Union li kien imqabbad jassisti fit-tendering, li finalment ma kellux success. Jilmenta li dan l-ezercizju kien intiz li jnehhi l-monopolju tal-Cargo Handling, mentri b'kuntratt ta' 30 sena l-kumpanija l-gdida fil-prattika ghandha monopolju xorta wahda. Wara l-gheluq tal-kuntratt tal-Cargo Handling, din il-kumpanija ma kienx baqghalha skop topera, u kienet ser tghaddi ghall-likwidazzjoni. Jghid li l-konsorzju li fih dahlet il-General Workers Union tat garanziji li l-jobs jigu salvagwardjati fit-tender

taghha. Fix-xhur ta' qabel tkecca r-rikorrent, dan ix-xhud kien jaghmel parti mill-bord tad-diretturi u ghalhekk kien involut fid-decizjoni tat-tkeccija. Jghid li r-rikorrent kellu pozizzjoni sensittiva fil-Cargo Handling, u l-fatt li dan assocja ruhu ma' kompetitur fit-tendering holoqlu konflitt ta' interess u allura ma setax ikompli fil-job li kellu. Dan ix-xhud ikkonferma li wara t-30 ta' Gunju 2006 ebda haddiem ma baqa' impjegat mal-Cargo Handling, u l-kumpanija l-gdida inghatat hand-over fi zmien xahrejn. Il-haddiema kollha marru mal-Valletta Gateway Terminal minbarra r-rikorrent li ma kienx ghadu impjegat tal-Cargo Handling. Il-kumpanija l-gdida kellha taccetta l-haddiema kollha tal-Cargo Handling, sakemm ma kienx ikun l-impjegat innifsu li jaghzel li ma jmurx jahdem mal-kumpanija l-gdida.

Is-socjeta` intimata ressqet ukoll lil Enrico Overrend li kien segretarju u direttur tal-Cargo Handling. Huwa jikkonferma li l-General Workers Union dahlet fi ftehim mal-Valletta Gateway Terminals li bih din ta' l-ahhar intrabtet li tiehu l-haddiema kollha li kellha l-Cargo Handling u bl-istess designation duties u l-istess pagi. Ir-rikorrent kien tkecca f'Marzu ta' qabel meta kien hemm certezza li huwa kien dahal f'konsorzju flimkien ma' terzi biex jitfghu tender in kompetizzjoni mal-General Workers Union. Il-bord tal-Cargo Handling iltaqa' u ra li ma setax jibqa' jkollu fiducja fir-rikorrent, u gie deciz li jitkecca. Jispjega li r-rikorrent kellu l-pozizzjoni tieghu imsejha *"operations superintendent",* imma fil-prattika kien il-*head of operations:* immanigjar tal-merkanzija, proceduri, amministrazzjoni tal-mollijiet u dak kollu relatat. Fil-gerarkija tal-Cargo Handling l-ewwel kien hemm id-diretturi imbaghad immedjatament warajhom kien hemm ir-rikorrent, u tahtu subordinate ohra.

Il-konsulent legali tas-socjeta` intimata, Dottor Aaron Mifsud Bonnici talab li huwa jixhed minkejja

li ma kienx indikat bhala xhud, u dan sabiex jitfa' dawl fuq in-negozjati li kien hemm bejn il-General Workers Union u l-kumpanija l-gdida li hadet it-tender, jekk ikun il-kaz wara li jixhed ir-rikorrent.

Ir-rikorrent imbaghad ghadda biex iressaq il-provi tieghu, billi xhed hu stess, u esebixxa ftehim datat 6 ta' Gunju 2005 bejnu u l-membri l-ohra tal-konsorzju li bih il-partijiet qablu li kemm-il darba l-Cargo Handling tippartecipa fil-process ta' l-ghazla, wahedha jew ma' terzi, huwa johrog mill-konsorzju. Huwa jispjega kif l-ewwel kien jahdem fid-dipartiment tax-Shipping tas-servizzi Inglizi, imbaghad hadem ma' The National Cargo Handling, imbaghad dahal ma' The Cargo Handling Company Ltd bhala skrivan, imbaghad assistant quay superintendent, imbaghad quay superintendent u finalment l-istess kariga bdiet tissejjah Operations Superintendent. L-impieg tieghu gie terminat meta kellu 59 sena. Jghid li fl-2004 il-gvern wera li ried jaghmel riforma u li kien bi hsiebu johrog tenders. Jghid li kien insista mal-managing director ta' dak iz-zmien, Godwin Abela llum mejjet[1], biex il-Cargo Handling tirriforma ruhha wkoll, izda dan kien qallu li kien wasal iz-zmien li din tispicca. Jghid li dan qallu li jekk irid jaghmel xi haga ghal rasu jaghmilha ghax fit-30 ta' Gunju 2006 il-kumpanija kellha tispicca. Ir-rikorrent jixhed li l-haddiema, inkluz hu, anke kienu interessati jixtru x-shares huma tal-Cargo Handling. Gew esebiti zewg ittri f'dan is-sens. Jghid li kull meta ikkomunika max-Shareholders (il-General Workers Union) huwa qatt ma kien jinghata risposta, u allura dejjem thalla barra minn kull decizjoni li setghet qatt tittiehed in rigward tal-futur tal-Cargo Handling. Imma qatt ma kkomunika mad-diretturi dwar dan. Jghid li huwa beda jigi redikolat meta l-ewwel l-imsemmi Managing Director Godwin Abela appuntah Port Serice Provider Security Officer, imbaghad ftit xhur

[1] Skond kif xehed Enrico Overrend

wara, f'Mejju 2005, inharget call for applications ghall-istess kariga u finalment is-sur Overend baghat jinfurmah li din il-kariga giet terminata; ir-rikorrent jghid li l-kariga ghaddewha lill-assistent tieghu.

Ir-rikorrent jixhed li dak li kien qallu l-managing director gie kkonfermat meta fil-lista ta' min wera interess fit-tender ma kienx hemm inkluza l-Cargo Handling. Jixhed ukoll li l-ftehim kollettiv kien ghall-impjegati kollha tal-Cargo Handling, inkluz hu, imma ma kinitx tirreferi ghal min kien fl-amministrazzjoni, u cioe` d-diretturi.

Jghid ir-rikorrent li seba' *shore-foreman* kienu jahdmu mal-Cargo Handling, applikaw b'expression of interest taht l-isem ta' Malta Port Company Limited, u l-Cargo Handling ma oggezzjonatilhomx ghal dan, u baqghet thaddimhom. Jixhed li fit-22 ta' Jannar 2009 ghalaq 63 sena. Mela meta tkecca mix-xoghol fl-2006 kellu 60 sena, u kien fadallu 10 xhur biex johrog bil-penzjoni ta' 61. Jghid li madankollu din it-tkeccija ma affetwatlux il-pensjoni tieghu.

Xehdu Alfred Micallef Attard li kien Chairman tal-Cargo Handling sa Novembru 2005 u Enrico Overend li kkonfermaw li l-Cargo Handling ma ssottomettietx expression of interest. Overend jghid li huwa kien dahal f'diskussjonijiet max-shareholders dwar bid li xtaqu jaghmlu u expression of interest li kienu ser jaghmlu. Is-shareholders talbuh informazzjoni ghax kienu ser jitfghu tender taht isem iehor. Jghid li l-*shore-foremen group* kienu jahdmu ghal rashom u jipprovdu xoghol lill-Cargo Handling, imma ma kienux impjegati maghha. George Portelli xehed u kkonferma dan.

KONSIDERAZZJONJIET

Bazikament dan hu kaz fejn irid jigi deciz jekk ir-rikorrent kienx involut f’kunflitt ta' interess meta huwa kien impjegat mal-Cargo Handling Company Ltd u fl-istess hin dahal f’konsorzju ma' terzi biex jittanta jiehu t-tmexxija u l-immanigjar tal-port.

Il-kumpanija intimata targumenta li r-rikorrent kellu kollox f’idejh, u ghalkemm formalment huwa ma kienx fl-amministrazzjoni tal-kumpanija, l-operat tal-kumpanija kien kwazi f’idejh.

Per principju kull kumpanija kummercjali ghandha l-ghan li tkabbar il-profitt, liema profitt igawduh l-azzjonisti; ghalhekk hafna jqisu li l-interess ta' l-azzjonisti huwa suprem. F'dan il-kuntest is-socjeta` intimata, illum in likwidazzjoni, targumenta li l-agir tar-rikorrent imur kontra l-interess ta' l-azzjonisti taghha, u ghalhekk l-amministrazzjoni ma setghetx tibqa' tafda lir-rikorrent. Kien ghalhekk li tterminatlu l-impieg immedjatament malli accertat ruhha mill-involviment tar-rikorrent f’konsorzju iehor.

Dan it-Tribunal ihoss li dan huwa wiehed minn diversi argumenti fallaci li gew proposti. Fl-ewwel lok, jekk ir-rikorrent kellu l-oghla kariga minn fost l-impjegati ma jfissirx li sar jaghmel parti mill-managament; veru kien l-eqreb lejn il-management izda kien l-ewwel impjegat li ma jaqax fil-kwadru ta' l-amminstrazzjoni. Il-linja trid tingibed x'imkien, u l-pozizzjoni tas-sur Paris tinsab taht dik il-linja. Tant hu hekk li fil-waqt li s-sur Overend kien mgharraf mill-azzjonisti li huma kienu ser jitfghu tender ma' terzi, il-haddiema l-ohra kollha, inkluz ir-rikorrent, thallew kollha fil-ghama. Ir-rikorrent u hafna impjegati ohra kienu inkwetati, u bir-ragun, ghax sa fejn kienu qed jaraw huma fit-30 ta' Gunju 2006 huma kienu ser jispiccaw dizokkupati. Diversi impjegati, fosthom ir-rikorrent, tant kellhom hegga jkomplu jmexxu l-istess xoghol li anke offrew li jixtru l-ishma tal-kumpanija Cargo Handling. Ma jirrizultax li l-qabel

jew waqt il-process tat-tendering il-Cargo Handling jew il-General Workers Union serrhu ras il-haddiema fis-sens li anke jekk ma japplikawx ghall-kuntratt il-gdid xorta kienu ser jiggieldu biex jinzammu fl-impieg. Jidher li sa dak l-istadju l-azzjonisti kienu qed jiffukaw fuq l-interessi taghhom biss, li allura kien qed jigi qabel interess tal-haddiema li ma jitilfux hobzhom u l-preokkupazzjoni taghhom dwar dan. Dan it-Tribunal jemmen li l-interess ta' l-azzjonisti ghandu jigi bilancjat ma' l-interessi tal-haddiema.

Ir-rikorrent, li bl-esperjenza tieghu kien kapaci jkun parti mill-management ta' kumpanija li timmanigja l-port, mhux biss ma kienx qed jigi inkluz fil-preparamenti li kienu qed jaghmlu l-azzjonisti, talli kien thalla jiehu l-impressjoni li fit-30 ta' Gunju 2006 verament kien ser jispicca kollox. The Cargo Handling Company Limited kellha kull dritt ma turih xejn lir-rikorrent, u dan proprju ghaliex ir-rikorrent kien sempliciment haddiem bhall-ohrajn ta' tahtu.

Jidher li r-rikorrent pattiha lill-kumpanija billi ma nfurmahiex formalment bl-intenzjoni tieghu li jinghaqad ma' konsorzju li jittenta jiehu l-immanigjar tal-port. Dan kien nuqqas serju da parti tar-rikorrent u kien verament jimmerita tkeccija li kieku l-Cargo Handling applikat ghall-kuntratt il-gdid. Ir-rikorrent sahaq fuq il-fatt li din m'applikatx, u veru hekk kien; imma dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax li r-rikorrent inghaqad ma’ terzi QABEL ma seta' jkun jaf b'certezza jekk il-Cargo Handling kinitx ser tapplika jew le. Ghalkemm ir-rikorrent ghamel ftehim mal-membri l-ohra tal-konsorzju li jekk il-Cargo Handling tapplika, huwa jitlaqhom u jmur mal-Cargo Handling, dan ma kienx biz-zejjed: huwa messu informa lill-Cargo Handling formalment li huwa kellu intenzjoni jinghaqad ma' terzi minhabba li l-Cargo Handling ma kinitx qed turi interess, u li jekk il-Cargo Handling se tapplika huwa ma jinghaqadx mat-

terzi. Ghalkemm ir-rikorrent naqas serjament, gietu tajba li l-Cargo Handling m'applikatx.

Issa li jkun hemm kunflitt ta' interess, kif wara kollox kien l-ilment ta' l-intimata, ifisser li l-istess persuna jkollha interess fuq naha u fl-istess hin interess fuq naha ohra. Bhala *quay* jew *operations superintendent,* ir-rikorrent ma seta' qatt ikollu kunflitt ta' interess ghax m'hemmx zewg operaturi jimmanigjaw il-port fl-istess hin. Kunflitt ta' interess kien ikun possibbli kieku kien hemm zewg operaturi jew aktar jahdmu fil-port fl-istess hin u jikkompetu bejniethom. Jidher li l-allegat kunflitt ta' interess reklamat mill-intimata kien dwar min kellu jirbah it-tender. Issa l-interessi opposti kienu kienu dawk ta' l-azzjonisti (il-General Workers Union) u tal-La Valletta Terminal Co. Malta Ltd. Kif gia` nghad, ir-rikorrent kellu relazzjoni guridika mal-kumpanija Cargo Handling u mhux ma' l-azzjonisti; huma d-diretturi li jirrispondu lill-azzjonisti, mhux il-haddiema. Wiehed kien jasal li jiskontra nuqqas iehor da parti tar-rikorrent kieku l-azzjonisti kienu tkellmu jew ikkonsultaw mar-rikorrent fil-preparazzjoni ghat-tender, izda r-rikorrent kien qed jithalla barra ghal kollox.

In oltre fis-smiegh tal-kaz odjern, il-kumpanija intimata talbet li tara d-dokumenti pprezentati mill-konsorzju tar-rikorrent sabiex tara intuzatx informazzjoni li s-sur Paris seta' akkwista bis-sahha tal-pozizzjoni "sensittiva" tieghu; izda wara li hadet iz-zmien taghha biex tezamina d-dokumenti kollha, ma jirrizultax li din irriskontrat data ta' dan it-tip.

Ghalhekk jekk wiehed jiehu dawn il-konsiderazzjonijiet kollha flimkien jasal ghall-konkluzjoni li fl-ewwel lok il-Cargo Handling Company Ltd halliet wisq ghall-ahhar biex tibda tahseb fl-interessi ta' l-impjegati taghha; fit-tieni lok Joseph Paris naqas serjament meta inghaqad ma' konsorzju biex japplika ghall-kuntratt il-gdid

minghajr ma informa formalment lis-superjuri tieghu; fit-tielet lok dan in-nuqqas tar-rikorrent ma kellu ebda effett negattiv fuq il-kumpanija intimata gialadarba din iddecidiet li ma tapplikax ghall-kuntratt il-gdid; fir-raba' lok il-partecipazzjoni tar-rikorrent fl-*expression of interest* ma’ konsorzju terz ma seta' qatt jitqies bhala nuqqas lejn il-kumpanija li keccietu mix-xoghol, proprju ghaliex l-applikazzjoni li ghamlu l-azzjonisti ma kellha u ma seta' jkollha ebda effett dirett fuq il-kumpanija Cargo Handling Company Ltd; u finalment fil-hames lok, fil-mument li r-rikorrent dahal ghall-'expression of interest' ma' terzi kien biss impjegat mal-Cargo Handling bhala *operations superintendent,* dan ix-xoghol baqa' jaghmlu bla ma kkawza ebda pregudizzju jew dannu lill-Cargo Handling.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll li ma gietx segwita l-procedura tat-tkeccija skond il-ftehim kollettiv: madankollu huwa qatt ma esebixxa l-ftehim kollettiv u allura dan l-ilment ma giex sostanzjat. It-Tribunal jista', mill-banda l-ohra, jikkonferma li r-rikorrent gie mkecci minghajr ma nghata l-opportunita` jiddefendi l-pozizzjoni tieghu. Dan kien ksur tal-principju ta' l-audi alteram partem. Ghalhekk barra li r-raguni tat-tkeccija migjuba mill-intimata qed tigi meqjusa mhux gustifikata, anke l-procedura adottata kienet wahda skorretta.

Dan it-Tribunal irid ghalhekk jistabbillixxi kumpens xieraq li ghandu jithallas lir-rikorrent. Minkejja l-weghda li ser jipprezenta dokument li juri l-paga tieghu[2], ir-rikorrent baqa' qatt ma gab prova ta' x'kien il-qliegh tieghu mal-kumpanija intimata, nuqqas serju li f’fora ohra seta’ hallieh bla ebda kumpens. Madankollu hawnhekk il-kumpens m'ghandux formola stretta u t-Tribunal ghandu hafna materji li jrid jiehu in konsiderazzjoni sabiex jasal biex jiffissa kumpens gust,

[2] Ara xhieda tieghu tas-17 ta' Frar 2009, pagna 7, folio 167.

konsiderazzjonijiet kemm favur u kemm kontra r-rikorrent. Ma' dak kollu li gia` nghad hawn fuq ghandu jigi sottolineat il-fatt li gie ppruvat li kull min kien mal-Cargo Handling fit-30 ta' Gunju 2006 kellu dritt jigi impjegat mal-Valletta Gateway Terminals. Kieku r-rikorrent ma tkecciex huwa wkoll kien ikollu dritt jigi impjegat minn din il-kumpanija, u dan sa Jannar 2007: dritt li r-rikorrent tilfu minhabba t-tkeccija.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li r-rikorrent tkecca mill-impieg tieghu ghal raguni mhux gustifikata oltre li minghajr ma thaddem il-principju ta' l-*audi alteram partern,* ghal liema tkeccija huwa ghandu jigi kkumpensat mill-intimata fl-ammont ta' tmint elef Euro (€8,000), liema kumpens ghandu jithallas mill-intimata lir-Rikorrent fi zmien tletin jum mil-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). It-Tribunal jordna li d-dokument immarkat MMA-1 ipprezentat fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2008 ghandu jigi ritornat lill-Awtorita` Marittima ta' Malta malli dan il-kaz ikun intemm b'mod definittiv. B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.”

Ir-rikorrenti appella minn din is-sentenza biex jitlob il-varjazzjoni taghha in mertu ghall-kwantum tal-kumpens likwidat mit-Tribunal. Hi l-kontenzjoni principali tieghu illi t-Tribunal ma qiesx id-danni reali u t-telf effettiv skond il-parametri dettati fl-Artikolu 81(2) tal-Kapitolu 452;

Ghal dan l-appell, is-socjeta` intimata rribattiet illi l-materja dwar kalkolazzjoni ta' kumpens tirrientra fil-poter diskrezzjonali tat-Tribunal in bazi ghall-provi akkwiziti, u la dan, fil-kaz partikulari, kien wiehed gust mhux lanqas

sindikabbli minn din il-Qorti. Il-kumpanija appellata approfittat ruhha minn dan l-appell biex tintroduci l-appell incidentali taghha ghar-revoka tas-sentenza in bazi ghal dawn l-ilmenti:-

i. Id-decizjoni tippekka legalment stante li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin ta' x'verament tfisser l-espressjoni "konflitt ta' interess" u li kienet ir-raguni bazika li wasslet ghat-tkeccija ta' l-appellanti;

ii. It-Tribunal kien legalment zbaljat meta fil-kalkolazzjoni tal-kumpens gust minflok illimita ruhu ghaz-zmien bejn id-data tat-tkeccija u d-data effettiva meta hi waqfet l-operat taghha, ha in konsiderazzjoni wkoll iz-zmien li l-appellanti suppost kellu jaghmel mal-kumpanija Gateway Terminals Ltd li rebhet it-tender ghall-operazzjonijiet portwali;

Huwa evidentement fl-ordni logiku illi din il-Qorti hi mistennija li tinvesti qabel kollox l-ewwel ilment tas-socjeta` intimata fl-appell incidentali in kwantu jekk dan hu fondat u tigi ordnata r-revoka mhux il-lok li wiehed jezamina l-appell principali u t-tieni ilment tas-socjeta` appellata li ma' dak l-appell principali ghandu abbinament strett;

Jibda biex jigi registrat illi fl-ispjegazzjoni tas-socjeta` Cargo Handling Co Ltd taghti lill-ewwel obbjezzjoni taghha fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata din tirrikollega ruhha ghall-principju tal-lealta` u tal-komportament korrett. Dan taghmlu biex turi illi bl-agir tieghu l-appellanti, anke minhabba l-posizzjoni tieghu fil-kumpanija, dahal f'kompetizzjoni diretta maghha meta nghaqad *f'consortium* sabiex jiehu l-operat li hi kellha fil-kontroll taghha;

In linea ta' principju guridiku r-riferiment da parti tas-socjeta` intimata ghall-obbligu tal-lejalta` u ta' l-imgieba korretta timplika d-dmir li impjegat ghandu jkollu versu l-

principal jew l-azjenda li thaddmu, u dan b'tali mod li hu ghandu jaghmel dak kollu possibbli fl-interess ta' l-impriza u li jevita li jarrekalha hsara. Ma jista' qatt ikun dubitat, anke ghaliex l-affermazzjoni hi pjuttost konsolidata, illi f'rapport tax-xoghol l-impjegat hu fid-dover li jastjeni ruhu minn dik il-kondotta li minn natura taghha u ghall-konsegwenzi taghha, tkun f'kuntrast mad-dmirijiet tieghu jew, altrimenti, krejattiva ta' qaghda ta' konflitt mal-kumpanija li timpjegah jew, xort'ohra, idoneja li tilledi l-presuppost fiducjarju ta' l-istess rapport ta' impjieg;

Innegabilment, fil-qafas tal-predett principju tal-lealta` u tal-komportament korrett jirrientra certament id-divjet primarju ghall-impjegat li jitratta jew jikkonkludi affari f'ismu jew ghall-beneficcju ta' terzi, f'konkorrenza mal-kumpanija, anke ghaliex dan hu *per se* illecitu in kwantu wiehed ikun qieghed jisfrutta l-gharfien tekniku jew kummercjali miksub fil-kors ta' l-impjieg, jew minhabba l-kariga li jkollu jew ghall-fatt innifsu ta' l-inseriment tieghu fil-mansjoni li tkun affidatlu l-kumpanija. Fil-hsieb ta' din il-Qorti, il-vjolazzjoni kapaci tissussisti anke fejn l-attivita` ta' l-impjegat tkun wahda potenzjalment leziva ghall-interessi tal-kumpanija, anke jekk stess mhux necessarjament produttiva ta' dannu;

Premess dan, wisq naturalment jekk tali attivita` ta' l-impjegat tintegrax effettivament kondotta zleali potenzjalment leziva bosta jiddependi mill-valutazzjoni tal-provi u tal-gudizzju prudenzjali tat-Tribunal li jkun qed jinvestiga l-kaz;

Fil-kumpless, is-sentenza tinkwadra dawn l-elementi ta' fatt li fuqhom it-Tribunal adit iffonda l-konvinciment tieghu illi fl-istanza odjerna ma kienx jezisti dak il-konflitt ta' interess ghal liema tirrikorri l-kumpanija appellata ghas-suffragju tad-decizjoni tal-licenzjament minnha mehuda di fronte ghall-appellanti. Huwa kjarament ovvju mis-sintesi ta' l-istess valutazzjoni komplessiva illi, filwaqt li ccensura lill-appellanti talli dan naqas milli jinforma lill-kumpanija

dwar l-intenzjoni tieghu li jissieheb f'konsorzju jew jaghmel arrangamenti maghha, ghat-Tribunal dik l-istess partecipazzjoni tieghu ma kienetx tirrazenta agir vjolattiv li jammonta ghall-konflitt ta' interess. Huwa manifest fuq il-bazi tal-preponderanza tal-probabilitajiet, li hu l-kriterju adottat riferibilment ghall-provi f'materja civili (ara "**Harvey -vs- Attard**", Appell Kummercjali, 11 ta' Gunju 1968) illi ghat-Tribunal il-fatti ma kienux tant idoneji li jwasslu ghall-konkluzjoni ghal liema tirrikorri s-socjeta` appellata bl-ewwel gravam taghha fl-appell incidentali. Sew skond il-ligi, ex-Artikolu 82(3), Kapitolu 452, sew skond gurisprudenza pacifika, il-valutazzjoni tal-fatti u tal-provi, istituzzjonalment rimessi eskluzivament lit-Tribunal, mhix sindikabbli minn din il-Qorti. Dan anke ghaliex in forza ta' l-istess dettam tal-ligi u tal-principju gurisprudenzjali, il-kontroll minn din il-Qorti tal-legittimita tas-sentenza ma jistax jirrigwarda l-konvinciment tat-Tribunal fuq ir-rilevanza probatorja ta' l-elementi indizzjarji. F'kull kaz, imbaghad, din il-Qorti lanqas ma ssib fuq il-bazi tal-kumpless tal-provi utilizzati mit-Tribunal illi l-motivazzjoni tas-sentenza kienet tiddifetta minn inkongruwenza jew illogicita`. Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet, mhux il-kaz li l-Qorti tiddipartixxi mis-sentenza appellata biex takkolji l-ewwel ilment ta' l-appell incidentali;

Logikament, b'koerenza ma' dak appena osservat, il-Qorti jokkorrilha tistharreg jekk l-ilment principali ta' l-appellanti in meritu ghall-kwantum tal-kumpens iffissat u wkoll id-denuncja tas-socjeta` appellata dwaru skond it-tieni doljanza taghha jmissux "punt ta' ligi" fil-parametri ta' l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

Hi donnha t-tezi avallata miz-zewg kontendenti illi, fil-fattispeci, id-decizjoni tat-Tribunal giet hekk raggunta minn process erroneju tar-ragonament legali li t-Tribunal ghamel fir-rigward tal-provi;

Jibda biex jigi registrat illi hu principju san illi t-trattazzjoni ta' kawza quddiem l-ewwel tribunal tkun, sa fejn legalment possibbli, ezawrjenti u kompluta mill-provi kollha li kienu mehtiega u li l-partijiet setghu jgibu 'l quddiem ghas-soluzzjoni tal-kaz. Ara "**Giuseppe Buttigieg -vs- Nicola Aquilina**", Appell Inferjuri, 11 ta' Settembru, 1937. Ugwlament ukoll pero` hu principju daqstant iehor valevoli illi s-sentenza pronunzjata minn dak l-istess tribunal tkun arginata fuq il-provi kollha li jkunu in atti b'mod li l-affermazzjonijiet li jsiru fil-parti konsiderativa taghha jirriflettu tabilhaqq ir-rejalta processwali u r-rizultanzi istruttorji ghaliex jekk ma jsirx dan ma tkunx qed issir vera gustizzja ma' xi parti u s-sentenza tista' ghaldaqstant titqies difettuza. Ara "**Salvatore Caruana -vs- Carmelo Magro**", Appell, 14 ta' Novembru, 1996. Ragonevolment, ghandu jizdied illi, jekk it-Tribunal ikun ha konjizzjoni tal-provi kolha attendibbli fil-process, hi fil-prattika kostanti ta' din il-Qorti ta' revizjoni illi ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' dak l-istess tribunal. Dan ighodd ukoll fil-kaz tal-komputazzjoni tal-kumpens in kwantu dak l-ezercizzju diskrezzjonali jirrientra fl-isfera esklussiva tieghu, u l-entita tal-kumpens hu dejjem imholli fl-arbitriju prudenzjali ta' l-istess tribunal adit. Ara, fost ohrajn id-decizjonijiet ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet "**Alison Fiorentino -vs- Dragonara Casino Ltd**", 19 ta' Ottubru, 2005 u "**Anabelle Cumbo -vs- Float Glass Ltd**", 3 ta' Ottubru, 2008. Ukoll hawn, pero`, ma jistax jonqos li jigi osservat illi tezisti dejjem ir-rizerva ghal kaz fejn ikun jirrizulta illi l-likwidazzjoni hi manifestament zbaljata, jew ghal xi raguni gravi ohra. Ara f'dan is-sens il-kumment ta' din il-Qorti fil-kazijiet "**Ivan Zammit -vs- S. Borg & Sons Ltd**", 19 ta' Ottubru, 2005 u "**Godwin Vassallo -vs- Vittoriosa Gaming Ltd**", 28 ta' Marzu, 2008. Dan ifisser illi l-arbitriju ghandu jkun wiehed *boni viri*, bazat fuq l-apprezzament ekwu skond il-mudell legali solitu u ben not tal-*bonus paterfamilias.* Tali gudizzju ekwu jimplika gudizzju li jzomm qies tac-cirkustanzi fattwali kollha u rikonciljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal fl-ambitu ta'l-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452. Ara "**Peter Spiteri -vs- Xuereb Glass Co. Ltd**", 10 ta' Otturbu, 2005, citata wkoll mis-socjeta` appellata fit-twegiba ta' l-appell taghha;

Affermati dawn il-preliminari, hi d-deduzzjoni tat-Tribunal fis-sentenza apellata illi l-appellanti baqa' qatt ma gab prova ta' x'kien id-dhul tieghu mill-impjieg bil-konsegwenza li ghadda biex adotta l-arbitriju fil-mod minnu prefiss fis-sentenza;

Din il-Qorti irriezaminat l-atti processwali u filwaqt li tikkonstata illi l-appellanti tabilhaqq ipprometta li kellu jesebixxi kopja tat-taxxa tieghu (ara d-deposizzjoni tieghu a fol. *167 fl-udjenza tas-17 ta' Frar, 2009) – haga li hu naqas milli hekk jaghmel – minn naha l-ohra jirrizulta ukoll illi fl-atti jinsabu esebiti certi dokumenti li permezz taghhom it-Tribunal seta' wkoll jiggwida ruhu ahjar.* Il-Qorti qeghda hawn tirreferi ghall-Mandat ta' Sekwestru introdott fl-10 ta' Dicembru, 2008 u li permezz tieghu l-appellanti kien qieghed iressaq *claim* ta' €17,936.18 ghal salarju, *leave entitlement* u *terminal benefits* ghal perijodu bejn it-22 ta' Marzu 2006 u t-22 ta' Jannar 2007. Gja qabel dan l-istess appellanti kien talab permezz ta' Mandat ta' Sekwestru iehor Numru 616/06 (ara kopja a fol. 8 tal-process) fl-ammont ta' Lm6546 ghall-istess raguni specifikata fil-Mandat l-iehor predett;

Issa huwa wkoll minnu illi fin-Nota ta' Sottomissjonijietipprezentat quddiem it-Tribunal fis-26 ta' Mejju 2009 (fol. 215) l-appellanti pprezenta speci ta' prospett reklamanti s-somma komplessiva ta' €33,291, ulterjorment alterata bl-appell issa interpost minnu ghal €34,026.89, u li skond hu jikkorrispondi ghall-intitolament skond il-Ftehim Kollettiv. B'danakollu, imbaghad, huwa jonqos li jipproduci kopja ta' dan id-dokument ghall-ezami opportun. Dan, apparti, illi l-Qorti tistqarr li hi kemmxejn perplessa b'dawn id-diversi cifri inflazzjonati li ma jaqblux wahda ma' l-ohra u ma jipprovdux allura fil-gudizzju dak l-element kongruwu u idoneju ghall-komputazzjoni preciza u gusta;

Minn naha l-ohra, kollox ma' kollox, u ghas-sens ta' dak l-apprezzament ekwu ghal liema jirreferi l-bran spigolat

mis-socjeta` appellata` appellata mis-sentenza ta’ din il-Qorti in re: “**Spiteri -vs- Xuereb Glass Co Ltd”**, dejjem attiz ukoll dak sottomess mill-istess socjeta` appellata bit-tieni ilment incidentali taghha, meta l-qaghda titqieghed fil-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 81 (2), l-evitar ta’ xi possibbli inikwita zejda ghall-appellanti kellha, almenu, tissuggerixxi lit-Tribunal illi jakkorda lill-appellanti s-somma kompensatorja (Lm6546) minnu originarjament aspettata bl-ewwel Mandat ta’ Sekwestru introdott fl-20 ta’ April, 2006. Impjegat li jkun ippresta l-hidma u s-servizzi tieghu ghal tant snin (30 sena) kien mistenni li ghallanqas ikun meritevoli tas-somma ta’ kumpens minnu reklamata fil-mument li ressaq il-gravam tieghu kontra l-licenzjament ingust quddiem it-Tribunal. Hi f’dan is-sens limitat li din il-Qorti thoss li ghandha tigi modifikata s-sentenza appellata.

Ghall-motivi kollha premessi din il-Qorti filwaqt li tirrigetta l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellata bl-appell incidentali taghha, u wara li rriflettiet sew fuq l-aggravju principali ta’ l-appellanti u t-tieni obbjezzjoni tas-socjeta` appellata dejjem fl-istess appell incidentali, tilqa’ l-appell lilha devolut u konsegwentement tvarja l-ammont tal-likwidazzjoni tal-kumpens fis-sens limitat li qeghda tawmentah ghal sitt elef hames mija u sitta u erbghin lira (Lm6546) ossija hmistax-il elf, mitejn u tmienja u erbghin euro u tmien centezmi (€15,248.08). Huwa xieraq illi l-ispejjez ta’ dan l-appell jitbatew nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------